MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1820/1996/1

**Mary El Metwaly**

**vs**

**Adil Ibrahim El Metwaly u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1997 l-Avukat Anthony Cutajar u l-P.L. Nicholette Aquilina gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Adil Ibrahim El Metwaly fil-proceduri ghall-annullament taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi nhar is-Sibt 6 ta' Mejju 1995 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta.

Illi l-konvenut, li huwa cittadin Egizzjan ta’ erbgha u tletin (34) sena, izzewweg lill-attrici sempliciment ghaliex ried jottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex ried jidhol f’rabta taz-zwieg maghha.

Illi dan iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-6 ta’ Mejju 1995, u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 sub-artikolu (1) paragrafi (d) u (f) tal-att tal-1975** dwar iz-zwieg kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa mharrek minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Novembru 1997.

Rat ir-rikors tal-attrici Mary El Metwaly tat-23 ta’ Settembru 1997 fejn talbet il-hatra ta’ kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Adil Ibrahim El Metwaly fil-proceduri ghall-annullament taz-zwieg taghhom.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta’ Ottubru 1997 fejn innominat lill-Avukat Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi tas-6 ta’ Marzu 1998 a fol. 22 fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi a fol. 22 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Marzu 1998 fejn il-kuratur Dr. Anthony Cutajar ta ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. L-attrici ddikjarat li ma tafx l-indirizz tal-konvenut. Minkejja li b’mod daqxejn prematur il-Qorti nnominat lil Dr. Lorraine Schembri Orland bhala Perit Legali biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-attrici datata 3 ta’ April 1998 fejn ipprezentat affidavit taghha u dawk ta’ El Ghimi Dorahim u Ashraf Ahmed.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Mejju 1998; tad-29 ta’ Ottubru 1998; tat-22 ta’ Jannar 1999; tat-22 ta’ Marzu 1999; u tat-12 ta’ April 1999 fejn il-perit legali halfet ir-rapport minkejja li kien ghadu mhux imhallas.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali flimkien mas-seduti esebiti a fol. 53 sa 99 tal-process.

Rat il-verbali tas-26 ta’ April 1999; tas-6 ta’ Mejju 1999 fejn Dr. Jeanne Pia Mifsud ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport peritali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Lulju 1999.

Rat ir-rikors ta’ Adil Ibrahim El Metwali tas-17 ta’ Mejju 1999 fejn talab li:

1. Jassumi f’ismu l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi u li jigu estromessi l-kuraturi deputati.

2. Illi din l-Onorabli Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

3. Illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkordalu li jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta’ Gunju 1999 fejn filwaqt li laqghet l-ewwel u t-tieni talba, ordnat in-notifika kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta u lill-kuraturi.

Rat il-verbali tat-13 ta’ Lulju 1999.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-1 ta’ Settembru 1999.

Rat il-verbali tal-20 ta’ Settembru 1999 fejn wara li l-Qorti semghet lill-partijiet rispettivi ddiferixxiet il-kawza ghall-provvediment.

Rat il-verbali tal-1 ta’ Ottubru 1999 fejn inghata provvediment tal-Qorti, fejn laqghet it-tielet talba tar-rikorrenti u tatu l-fakolta’ li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin (20) gurnata, filwaqt li ordnatu wkoll li jipprezenta x-xhieda tieghu permezz tal-procedura ta’ l-affidavit fi zmien tletin (30) gurnata. Il-kawza giet rimessa ghand il-perit legali biex tigbor ix-xhieda li seta’ fadal partikolarment il-kontro-ezami tax-xhieda moghtija mill-konvenut. Ir-rapport addizzjonali ghandu jkun a spejjez tal-konvenut immaterjalment mill-ezitu finali tas-sentenza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-5 ta’ Ottubru 1999 a fol. 113 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talba attrici bazata kif inhi fuq allegazzjonijiet ta’ vizzju ta’ kunsens imputabbli lill-esponenti hija nfondata fil-fatt u fil-ligi;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, dan ghandu jsir ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici peress li kienet hi li ngannatu ghaz-zwieg b’diversi stqarrijiet mhux veritjeri u billi qaltlu li kienet tqila b’tarbija minn tieghu meta fil-fatt ma kienetx.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 113 tal-process.

Rat ir-rikors tat-3 ta’ Awissu 1999 tal-konvenut Adil El Metwali fejn talab li jkun ammess ghal beneficcju gratuitu halli jkun jista’ jiddefendi ruhu fil-kawza kif istitwita minn martu. Ir-rikorrenti halef li hu m’ghandu l-ebda proprjeta’ li tiswa b’aktar minn Lm3,000 jew xi qliegh li jeccedi l-paga minima nazzjonali.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta’ Awissu 1999 fejn laqghet it-talba w assenjat lill-Avukat Tonio Mallia u lill-Prokuratur Legali Madeline Firman bhala difensuri ghall-ghajnuna legali.

Rat in-nota tal-konvenut datata 11 ta’ Ottubru 1999 fejn biha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attrici tal-15 ta’ Ottubru 1999 fejn talbet li tirriserva d-dritt tal-kontro-ezami tal-konvenut filwaqt li talbet li tirriserva d-dritt taghha li titlob l-isfilz tal-affidavit tal-konvenut *stante* l-kliem hemm uzat.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Dicembru 1999; u tas-16 ta’ Frar 2000.

Rat in-nota tal-konvenut tal-24 ta’ Frar 2000 li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta’ Saleeb Amir u ta’ Ahmed Ali.

Rat in-nota tal-attrici datata 2 ta’ Marzu 2000 fejn talbet li tirriserva d-dritt li taghmel il-kontro-ezami tal-istess Saleeb Amir u Ahmed Ali.

Rat il-verbali tat-18 ta’ April 2000; tal-31 ta’ Ottubru 2000; tal-24 ta’ Novembru 2000; tal-20 ta’ Frar 2001; tad-19 ta’ Settembru 2001; tad-19 ta’ Novembru 2001; tad-9 ta’ Jannar 2002; u tas-27 Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif

prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.

Rat in-nota tal-attrici datata 11 ta' April 2002 fejn infurmat lill-Qorti li l-konvenut jinsab imsiefer minkejja li gie akkordat lilu li jressaq il-provi wara li kienu gew dikjarati maghluqa.

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' Dr. Noel Camilleri ghall-attrici ghar-revokat l-inkarigu tal-Perit Legali salv ghall-hlas tal-ispejjez. Dr. Camilleri talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll minhabba li eskluda pozittivament z-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

### (B) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** xehdet li ltaqghet mal-konvenut xi ghaxar xhur qabel iz-zwieg. Hi sostniet li hu zzewwigha sabiex ikun jista' jikseb ic-cittadinanza Maltija. Hu mill-ewwel staqsiha jekk kienitx mizzewga u wera ruhu nteressat fl-istat finanzjarju taghha. Infatti ghaxart ijiem wara li ltaqghu hu ried jixtri c-curkett taz-zwieg. Hi dak iz-zmien kienet separata u kienet fi proceduri ta' annullament. Ghall-ewwel ir-relazzjoni taghhom ma kienitx stabbli u dan minhabba li ma kienx regolari fl-imgieba tieghu maghha. Meta gabet l-annullament beda jgib ruhu sew. Hi kienet urietu bl-eta' taghha izda hu qalilha li ma kienx jimpurtah.

Hi kompliet billi semmiet li qabilha l-konvenut kien johrog ma’ mara ta’ (sittin) 60 sena. L-attrici cemplitilha u din ippruvat tifthilha ghajnejha billi twissiha li l-konvenut ried biss ic-cittadinanza. Fl-istess perjodu kienet anki kellmet lil Monsinjur Philip Calleja li wkoll qalilha biex tqis il-pass taghha izda l-konvenut ikkonvinciha mod iehor.

Illi *viva-voce* hija xehdet li hu kellu genn biex jizzewweg u kien anki qalilha biex issiblu xi mara ohra tkun kif tkun anki jekk ikollha preferenzi lesbici u anki jekk ikollha xi difett fiziku. Hi saret ukoll taf minghandu li kien applika ghal *“refugee status”* imma l-applikazzjoni kienet giet michuda, imma hu xorta baqa’ jinsisti li kien fil-periklu tal-mewt jekk jirritorna lejn pajjizu u b’dan il-kliem kien ikkonvinciha.

Illi xahrejn biss wara li ottjeniet l-annullament huma zzewgu. Hu kien dejjem inkwetat li jkeccuh minn Malta peress li ma kellux visa. Dakinhar li zzewgu hi kisret saqajha izda ghalkemm kienet mugugha hu nsista li l-ewwel imorru jizzewgu mbaghad jehodha ghand it-tabib. Xi ftit jiem wara z-zwieg mar biex japplika ghac-cittadinanza Maltija.

Illi wara z-zwieg hu nbidel u sar nervuz hafna maghha, kien jitlef it-tempra malajr, u meta kien jirrabja hafna kien isir vjolenti. Sahansitra li fl-ewwel hmistax taz-zwieg beda jara kif ser jitlaq imur jahdem x’imkien barra. Huwa ried ikompli jghix hajja ta’ guvni u sa anke heggigha biex titla’ Paceville ma’ habiba taghha.

Illi xi hames gimghat wara z-zwieg ried li jaghmlu separazzjoni taparsi biex ikunu jistghu japplikaw ghar-*“relief”* it-tnejn ghax hu ma kienx ihobb jahdem. Hi rriffjutat. Spjegat x’wassal biex f’Awissu 1995 telaq mid-dar u mar ighix ma’ habib tieghu. Darb’ohra ssuggerielha biex hi taghmel dikjarazzjoni li dahket bih bl-eta’ u dwar il-fatt li ma setax ikollha tfal *ai fini* ta’ annullament. Izda ghalih xorta kienu jibqghu mizzewgin peress li zzewgu fil-Moskea. Izda hi ma rieditx. Meta imbaghad bdiet process ghal separazzjoni hu mar id-dar biex jitlob skuza u rrikonciljaw u dan ghax kien jaf li se jitlef il-*“freedom of*

*movement"* u ma jkunx jista' jiehu c-cittadinanza. Hi accettatu.

Illi hija kienet marret Kastilja biex tinfurmahom x'kien qed jaghmlilha u talbet li tinzammlu c-cittadinanza. Izda wara li ha c-cittadinanza l-affarijiet marru ghall-aghar. Hu beda jghidilha li ried mara izghar biex ikollu t-tfal minnha. Hu ried anki li jibqghu jghixu flimkien izda ma jorqdux flimkien imma hi m'accettatx. B'hekk telaq mid-dar. Wara sab tfajla u eventwalment telaq minn Malta. Hija qalet ukoll li kienet dejjem hi li mantnietu.

Illi **El Shimi Ibrahim** xehed li kien ilu jaf lill-konvenut sa minn qabel ma zzewweg lill-attrici. Huwa dejjem kien ighidlu li ried jizzewweg wahda Maltija biex ikollu passaport Malti halli jkun jista' jibqa' Malta u jkun jista' jahdem. Kien prova diversi drabi imma ma kienx irnexxielu u lill-attrici kien se jizzewwigha biex jilhaq l-iskop tieghu mhux ghax kien ihobbha. Skond ix-xhud il-konvenut kien jittanta hafna tfajliet waqt li kien qed johrog mal-attrici u hu kien ipprova jikkomunika maghha izda l-konvenut tah numru hazin tat-telefon. Meta kien jiltaqa' mieghu l-konvenut kien igerger li d-dar taghhom kien qisu habs u l-attrici kienet qiesha n-nanna tieghu. Izda qallu li ma kellux triq ohra ohra sabiex ighix. Hu kkonferma li kien bniedem ghazzien u b'hekk kien ikollu flus x'jonfoq. Huwa rah ma' mara ohra wara z-zwieg. Hu qal li ma jitlaqhiex minhabba l-flus u sakemm isib ohra bil-flus.

Illi **Ashraf Ahmed** iddikjara li kien ilu jaf lill-konvenut ghall-ahhar tliet snin (mill-1995). Ikkonferma li meta gie Malta il-konvenut kien qed ikellem mara ta' sittin sena li kienet tmantnih hi. Kien qallu li kien maghha biex ikun jista' jgib ic-cittadinanza u jkun jista' joqghod Malta. Telaqha ghax ma riditx tizzewweg. Hu ma kienx ihobb jahdem. Xi xahrejn wara z-zwieg il-konvenut telaq mid-dar ghax hi ma kenitx tohrog. Ix-xhud akkompanjah id-dar biex jirrangahom u quddiemu offrielha Lm500 biex tmexxi l-karti ghall-annullament. Hi m'accettatx. Ix-xhud cempel biex jifthilha ghajnejha izda hi m'emmnitux.

Illi xehed ukoll **Stephen Falzon**, *Principal* fid-Dipartiment tac-Cittadinanza, li kkonferma li l-konvenut applika ghac-cittadinanza a bazi taz-zwieg tieghu fl-10 ta' Mejju 1995 a tenur tal-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fil-21 ta' Lulju 1995 id-dipartiment ircieva ittra mill-attrici sabiex l-applikazzjoni tigi mizmuma sakemm jircievu taghrif iehor peress li kellha dubju dwar kemm il-konvenut kien veritier meta zzewwigha. Fil-31 ta' Awissu 1995 l-attrici rtirat it-talba. Fl-14 ta' Awissu 1995 l-attrici regghet ressqet oggezzjoni u gharrfet lid-dipartiment li kienet imgieghla tirtira l-oggezzjoni taghha. Fis-16 ta' Awissu 1995 baghtu kopji tal-ittri rcevuti mill-attrici lill-*Principal Immigration Officer* cjoe' l-Kummissarju tal-Pulizija. Fit-28 ta' Awissu 1995 kien hemm ittra ohra ta' oggezzjoni ricevuta. Fl-10 ta' Novembru 1995 kien hemm ittra mill-P.I.O. li ma kienx qed joggezzjona ghat-talba tal-konvenut ghac-cittadinanza Maltija. Fl-20 ta' Dicembru 1995 hemm data tat-timbru fejn l-attrici rtirat l-oggezzjoni taghha. Fil-15 ta' Jannar 1996 il-konvenut gie registrat bhala cittadin Malti. Fit-18 ta' Jannar 1996 il-konvenut applika biex jirrinunzja ghac-cittadinanza Egizzjana approvata b'digriet mill-Ministeru tal-Intern Numru 1389/96 tat-13 ta' Marzu 1996. Ix-xhud qal li l-konvenut beda jgawdi l-beneficcji tac-cittadinanza mill-15 ta' Jannar 1996.

Illi **PS Anthony Camilleri**, addett mal-Ufficcju Centrali tal-Immigrazzjoni, xehed li l-konvenut telaq minn Malta fis-6 ta' Awissu 1996 bil-vapur lejn Sqallija. Hu ma kellux permess li jirrisjedi Malta imma kien inkiseb Exempt Persons Status wara z-zwieg tieghu u dan fit-18 ta' Mejju 1995. Dan kien ifisser li ma jiehdux passi kontrih ghall-perjodu li ghamel f'Malta bla permess. Hu eskluda li kellu xi visa biex jirrisjedi f'Malta.

Illi **Monsinjur Philip Calleja**, direttur tal-Kummissjoni Emigranti u responsabbli mir-refugjati, xehed li l-konvenut kien gie Malta fid-9 ta' Mejju 1992. Hu kien applika sabiex jinghata *"refugee status"* fil-20 ta' Novembru 1992, liema applikazzjoni giet michuda mill-UNCHR u wara appell tieghu regghet giet michuda u dan ghax ma kienx issodisfa l-kriterji rekwisiti biex jinghata *"refugee status"*. Rega' applika *tramite* l-Kummissjoni Emigranti sabiex

jemigra lejn il-Kanada, liema applikazzjoni ma gietx accettata. Huwa rrileva li meta dahal Malta l-konvenut dahal b’passaport mahrug mill-Egittu fil-14 ta’ Ottubru 1985 li kien jiskadi fit-13 ta’ Ottubru 1992. Meta applika ghall-*“refugee status”* rega’ akkwista passaport iehor mill-Ambaxxata Egizzjana f’Malta datat 4 ta’ Ottubru 1993. Dan ma kienx solitu ghax min ikun verament refugjat is-soltu jkun qata’ kull kuntatt mal-pajjiz tieghu. Fid-19 ta’ Lulju 1994 kien sar rapport fuq il-konvenut u rrizulta lix-xhud li kien hemm notament li dan il-kaz ma jergax jigi trattat.

Illi **l-konvenut** xehed fl-affidavit tieghu li l-attrici l-ewwel kienet kattolika mbaghad saret *Jehovah Witness* sakemm iltaqghet mieghu u saret Musulmana. Skond hu kienet Musulmana tajba. Rigward l-eta’ sostna li hi dahket bih bl-eta’ ghax qaltlu li kellha 41 sena. Dakinhar li zzewwgu hi kisret saqajha u spiccat fis-sodda u hu kellu jiehu hsiebha. Hu zzewwigha ta’ bilfors ghax qaltlu li kienet tqila. Dan tant li kien anki mar jixtri t-*“toys”* ghat-tarbija ghax kien ferhan. Hu qal li bih hi kienet izzewwget tliet irgiel minn tliet nazzjonijiet differenti. Hi kienet qaltlu li kienet tqila wara gimghatejn biss li ltaqghu fuq il-*“mobile”* ta’ Marco Attard u fil-ghaxija ltaqghet mieghu u wrietu karta mill-isptar ghax ma kienx jaf li hi *“nurse”* u kien hemm miktub *“positive”*.

Illi in kontro-ezami kompla jsostni li wara li qaltlu li kienet tqila mar ighix maghha imma wara tliet xhur qaltlu li korriet. Imbaghad kellhom xi jghidu u telaq. Rega’ mar ighix maghha u reggghet qaltlu li kienet tqila. Hu sostna li rega’ mar maghha ghax ma kellux visa u beza’ li taghmillu vendikazzjoni. Qaltlu li regghet korriet imma mbaghad qaltlu li regghet harget tqila u b’hekk izzewgu. Hu xehed li ma kellux biza’ li johorguh minn Malta ghax kellu permess biex jibqa’ hawn sakemm jitlaq. Hu kellu bizzejjed flus biex jixtri biljett u ma xtrahx ghax kien qed jistenna li jsib pajjiz fejn ma jkollux problemi. Hu cahad li qatt issellef xi flus minghandha. Hu cahad li ried jizzewweg lill-mara ta’ sittin sena. Din kienet biss ghenitu biex japplika ghar-*“refugee status”* u kienet ittih jiekol.

Illi **Ahmed Ali** ukoll xehed li l-konvenut izzewweg lill-attrici minhabba li kienet tqila u qalet quddiemu li kellha 41 sena. Huma kienu jiggieldu minhabba l-problema tat-tfal u ta' religjon.

**(C) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha ssostni li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255**. Dan l-artiklu jghid hekk:-

**Art.19(1):** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet esenzjali taz-zwieg."*

Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Infatti l-awtur ***Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994]) jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di*

*emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich*, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-**Bersini**, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet

essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich*, P.J.,** op. Cit., p. 687).

Illi rigward l-artikoli 19(1)(f) dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*"finis operis"* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"**

(P.A.14 ta' Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X, p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (Cit.Nru: 3130/96/NA – 10/11/99) gie ritenut illi :-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi mill-provi prodotti rrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenut izzewweg lill-attrici biex ikun jista' jottjeni cittadinanza u passaport Malti.  Huwa ma kellu l-ebda

intenzjoni jidhol ghar-rabta permanenti f'hajja mizzewga mal-attrici. Irrizulta li hu kien bla permess sakemm iltaqa' mal-attrici. Irrizulta wkoll li hu ried jizzewweg wahda Maltija tant li ghaxart ijiem wara li ltaqa' maghha ried jitgharras. Tant kellu genn li peress li haseb li l-annullament taz-zwieg precedenti taghha kien se jdum talabha biex issiblu mara ohra tkun kif tkun anki jekk bi preferenza lesbici jew b'xi difett fiziku. Hu ma sabx mezz li jghix Malta regolarment ghax anki l-applikazzjoni tieghu ghal *"refugee status"* giet michuda. Irrizulta li dakinhar stess taz-zwieg hi kienet kisret saqajha pero' xorta marru jizzewgu. Huwa allega li zzewwigha ghax qaltlu li kienet tqila pero' il-verzjoni tal-attrici hija aktar kredibbli. Infatti l-applikazzjoni tieghu ghac-cittadinanza Maltija ghamilha ftit granet biss wara z-zwieg civili. Huwa nbidel maghha wara z-zwieg. Huwa kien bniedem li ma tantx kien ihobb jahdem.

Illi rrizulta li hu ried ighix hajja bla ebda responsabilita' ta' xejn. Inqeda bl-attrici biex jottjeni l-iskop li kellu f'mohhu tant li darba minnhom sa anke rega' rrikoncilja maghha sabiex tirtira l-oggezzjoni li kienet registrat mad-dipartiment tac-Cittadinanza u Immigrazzjoni. Dan ammettih hu stess. Fl-ahharnett hu abbanduna l-attrici u mbaghad il-pajjiz wara li gab ic-cittadinanza Maltija.

Illi kwindi hu ovvju li l-uniku hsieb tal-konvenut meta zzewweg civilment lill-attrici kien li jizzewwigha biex jottjeni l-iskop tieghu cjoe' ic-cittadinanza u l-passaport. Barra minn dan hu anke evidenti li hu ma assuma ebda obbligazzjoni jew responsabilita' ta' ragel mizzewweg. B'hekk bla ebda dubju l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghar-ragunijiet fuq premessi, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:-

1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Mejju 1995 minhabba li l-kunsens

tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Ottubru 2002**